



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

13923/20

REGIO 285
FSTR 194
FC 98
SOC 800
DEVGEN 183
AGRISTR 114
PECHE 435

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 13597/20

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp urban u territorjali

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp urban u territorjali, kif approvati mill-Kunsill fl-14 ta' Diċembru 2020.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp urban u territorjali**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA**

- (1) JIRRIKONOXXI l-kontribut tal-Karta ta' Leipzig dwar il-Bliet Ewropej sostenibbli tal-25 ta' Mejju 2007 fl-istabbiliment ta' qafas koerenti għal żvilupp urban integrat u sostenibbli fl-Ewropa, li jrawwem politiki ta' żvilupp nazzjonali, reġjonali u lokali;
- (2) JIRRIKONOXXI l-kontribut tal-Aġenda Territorjali tal-Unjoni Ewropea 2020 tad-19 ta' Mejju 2011 u l-predeċessur tagħha, l-Aġenda Territorjali tal-Unjoni Ewropea tal-25 ta' Mejju 2007 fit-tisħiħ tal-koeżjoni territorjali kif iddikjarata bħala objettiv tal-Unjoni Ewropea, billi trawwem żvilupp bilanċjat u sostenibbli tat-territorju Ewropew u l-integrazzjoni ta' dimensjoni territorjali fil-politiki fil-livelli kollha ta' governanza;
- (3) JIRRIKONOXXI l-kontribut tad-Dikjarazzjoni ta' Riga tal-10 ta' Ġunju 2015 bħala pjan direzzjonali biex tiġi stabbilita l-Aġenda Urbana tal-UE;
- (4) JIRRIKONOXXI l-kontribut tal-Patt ta' Amsterdam tat-30 ta' Mejju 2016 fl-istabbiliment tal-Aġenda Urbana tal-UE, billi trawwem governanza f'diversi livelli u kooperazzjoni bejn diversi partijiet ikkonċernati fl-iżvilupp urban, l-indirizzar ta' regolamentazzjoni aħjar, finanzjament aħjar u għarfien aħjar fuq skala Ewropea;
- (5) IFAKKAR fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-24 ta' Ġunju 2016 dwar l-Aġenda Urbana tal-UE, li fihom il-Kunsill appella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jaqdu rwol attiv fl-implimentazzjoni u l-faċilitazzjoni tal-Aġenda Urbana tal-UE, billi jinvolvu sħab ewlenin rilevanti, inkluż rappreżentanti tal-awtoritajiet urbani u reġjonali;

- (6) IFAKKAR fir-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Lulju 2018 dwar ir-rwol tal-belt fil-qafas istituzzjonali tal-Unjoni, li fiha l-Parlament Ewropew enfażizza s-sinifikat tal-Karta ta' Leipzig, l-Aġenda Urbana tal-UE u r-rwol ewlieni tal-ibliet fit-tnejja, it-tfassil, il-finanzjament u l-implimentazzjoni ta' politiki ewlenin tal-Unjoni;
- (7) JIRREFERI għad-Dikjarazzjoni ta' Bucharest tal-14 ta' Ġunju 2019, li fiha l-Ministri responsabbli għall-kwistjonijiet urbani qablu li jappoġġaw l-implimentazzjoni u l-kontinwazzjoni tal-Aġenda Urbana tal-UE f'konformità mal-Karta ta' Leipzig il-Ġdida sabiex jitravwem qafas ta' politika koerenti għall-iżvilupp urban, filwaqt li jitqies il-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-ħtieġa għal allinjament aħjar tal-Aġenda Territorjali tal-UE mal-Aġenda Urbana tal-UE;
- (8) JILQA' r-rapport lill-Kunsill dwar l-Aġenda Urbana tal-UE mill-Kummissjoni Ewropea ta' Novembru 2017 u l-istudju ta' valutazzjoni tagħha tal-Aġenda Urbana tal-UE ta' Novembru 2019;
- (9) JILQA' l-opinjonijiet tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni dwar il-Karta ta' Leipzig il-Ġdida u dwar l-Kundizzjonijiet tal-ġhajxien indaqs tal-14 ta' Ottubru 2020 kif ukoll dwar l-Aġenda Territorjali mġedda tat-8 ta' Ottubru 2019;
- (10) JILQA' l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-Aġenda Territorjali tal-UE, il-Karta ta' Leipzig u l-Aġenda Urbana tal-UE tat-18 ta' Settembru 2020;
- (11) JISSOTTOLINJA l-importanza li biex jinkiseb il-ġid komuni għandha tintuża l-qawwa trasformattiva tal-ibliet. Dan jinkludi l-benesseri ġenerali, servizzi pubbliċi ta' interess ġenerali affidabbli kif ukoll it-tnaqqis u l-prevenzjoni ta' forom ġodda ta' inugwaljanzi soċjali, ekonomiċi, ambjentali u territorjali, speċjalment bejn iż-żoni urbani u rurali;
- (12) JISSOTTOLINJA r-rilevanza tal-interkonnessjoni bejn id-dimensjonijiet territorjali urbani, rurali u oħrajn skont l-approċċ ibbażat fuq il-post bħala prinċipju ġenerali għall-imkejjen u l-politiki kollha u f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u r-responsabbiltajiet;

- (13) JENFASIZZA r-rwol tal-Politika ta' Koeżjoni biex timplimenta strateġiji u proġetti integrati u sostenibbli għall-iżvilupp urban kif ukoll l-iżvilupp territorjali integrat biex jinkisbu l-konverġenza u l-koeżjoni territorjali bejn postijiet differenti u fil-livelli spazjali kollha;
- (14) JILQA' l-Karta ta' Leipzig il-Ġdida bil-prinċipji ewlenin tagħha ta' governanza urbana tajba li sservi bħala qafas strateġiku komprensiv għal żvilupp urban integrat, reżiljenti u sostenibbli bil-għan li tissaħħaħ il-qawwa trasformattiva tal-ibliet għall-ġid komuni;
- (15) JILQA' B'SODISFAZZJON id-Dokument "Implementing the New Leipzig Charter through multi-level governance: Next steps for the Urban Aġenda for the EU" (L-Implimentazzjoni tal-Karta ta' Leipzig il-Ġdida permezz ta' governanza f'diversi livelli: Il-passi li jmiss għall-Aġenda Urbana tal-UE) bħala żvilupp ulterjuri tal-Aġenda Urbana tal-UE, li tmexxi 'l quddiem il-governanza f'diversi livelli u l-koooperazzjoni bejn diversi partijiet ikkonċernati fl-iżvilupp urban, filwaqt ssegwi l-oġettivi tal-Karta ta' Leipzig il-Ġdida;
- (16) JILQA' l-Aġenda Territorjali 2030 bħala qafas ta' politika orjentat lejn l-azzjoni biex tiġi promossa l-koeżjoni territorjali fl-Ewropa u tingħata orjentazzjoni strateġika biex tissaħħaħ id-dimensjoni territorjali fil-politiki kollha u fil-livelli kollha tal-gvern, inkluż bejn il-fruntieri, bil-għan li jkun hemm futur sostenibbli għat-territorji u n-nies kollha;

ID-DIMENSJONI URBANA

(17) JAPPELLA lill-Kummissjoni:

- a) biex – skont ir-responsabbiltajiet u l-kapaċitajiet tagħha – tkompli taqdi rwol attiv fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ulterjuri tal-Aġenda Urbana tal-UE f'konformità mal-prinċipji strateġiċi stabbiliti fil-Karta ta' Leipzig il-Ġdida;
- b) biex – skont ir-responsabbiltajiet u l-kapaċitajiet tagħha – tkompli tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-Aġenda Urbana tal-UE permezz tal-appoġġ mogħti mill-Inizjattiva Urbana Ewropea, f'koooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u billi tiżgura l-involviment tad-Direttorati Ġenerali rilevanti fil-proċess;

- c) biex – skont ir-responsabbiltajiet u l-kapaċitajiet tagħha – tiżgura l-kontinwità, il-koerenza u l-koordinazzjoni tal-Aġenda Urbana tal-UE billi tappoġġa, fejn rilevanti, l-implimentazzjoni tas-sett ta' azzjonijiet u rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw minn Sħubijiet Tematiċi attwali u futuri jew modi oħra ta' twettiq f'diversi livelli u b'diversi partijiet ikkonċernati stabbiliti skont l-Aġenda Urbana tal-UE;
- d) biex – skont ir-responsabbiltajiet u l-kapaċitajiet tagħha – tallinja l-azzjonijiet tagħha dwar it-tisħiħ tad-dimensjoni urbana tal-politiki tal-UE mal-Aġenda Urbana tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tal-prijoritajiet politiċi, il-programm ta' ħidma u l-ħidma leġiżlattiva tagħha;
- e) biex tirrapporta lura regolarment fil-kuntest tal-Inizjattiva Urbana Ewropea dwar l-implimentazzjoni u r-riżultati tal-Aġenda Urbana;

(18) JAPPELLA lill-Istati Membri:

- a) biex –skont ir-responsabbiltajiet u l-kapaċitajiet tagħhom – irawmu l-istabbiliment u l-kontinwazzjoni ta' politiki urbani nazzjonali jew reġjonali skont il-linji gwida tal-Karta ta' Leipzig il-Ġdida bil-mira tkun il-ġid komuni u t-tisħiħ tal-iżvilupp urban integrat, reżiljenti u sostenibbli;
- b) biex – skont ir-responsabbiltajiet u l-kapaċitajiet tagħhom – jieħdu l-passi xierqa biex jimplimentaw u jiżviluppaw aktar l-Aġenda Urbana tal-UE f'konformità mal-prinċipji strateġiċi stipulati fil-Karta ta' Leipzig il-Ġdida;
- c) biex – skont ir-responsabbiltajiet u l-kapaċitajiet tagħhom – jiżguraw li l-ibliet ikunu kapaċi jaġixxu sabiex jirrispondu għall-isfidi attwali u futuri;
- d) biex jappoġġaw, fejn rilevanti, l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet u rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw minn Sħubijiet Tematiċi attwali u futuri jew modi oħra ta' twettiq f'diversi livelli u b'diversi partijiet ikkonċernati stabbiliti skont l-Aġenda Urbana tal-UE;

(19) IHEĠĠĠĠ lill-awtoritajiet lokali u reġionali:

- a) biex jieħdu l-passi xierqa biex ipoġġu fil-prattika l-oġettivi tal-Karta ta' Leipzig il-Ġdida u jimplimentaw il-prinċipji tagħha skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom u l-prinċipju tas-sussidjarjetà;
- b) biex jieħdu l-passi xierqa biex jimplimentaw u jiżviluppaw aktar l-Aġenda Urbana tal-UE f'konformità mal-prinċipji strateġiċi stabbiliti fil-Karta ta' Leipzig il-Ġdida u, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom u l-prinċipju tas-sussidjarjetà;
- c) biex jikkooperaw ma' awtoritajiet lokali u reġionali oħra ta' kull daqs, mas-settur privat, mal-komunitajiet lokali, mal-istituzzjonijiet tal-għarfien, mas-sħab soċjali u mas-soċjetà ċivili biex imexxu 'l quddiem l-oġettivi tal-Aġenda Urbana tal-UE;

(20) JISTIEDEN lill-Parlament Ewropew:

- a) biex iqis, fejn rilevanti, ir-riżultati u r-rakkomandazzjonijiet tas-Sħubijiet Tematiċi jew modi oħra ta' twettiq f'diversi livelli u b'diversi partijiet ikkonċernati stabbiliti skont l-Aġenda Urbana tal-UE meta tiġi diskussa leġiżlazzjoni rilevanti ġdida u eżistenti tal-UE;
- b) biex jistabbilixxi rabta kontinwa bejn l-Intergrupp Urban u l-Aġenda Urbana għall-proċess tal-UE;

(21) JISTIEDEN lill-Kumitat tar-Reġjuni u tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew:

- a) biex skont il-kompetenzi tagħhom jagħtu kontribut u appoġġ għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ulterjuri tal-Aġenda Urbana tal-UE f'konformità mal-prinċipji strateġiċi stabbiliti fil-Karta ta' Leipzig il-Ġdida, li jikkontribwixxu għall-oġettivi tal-Aġenda Urbana tal-UE;

(22) JISTIEDEN lill-Bank Ewropew għall-Investment:

- a) biex jikkontribwixxi għall-ħidma tas-Sħubijiet Tematiċi jew modi oħra ta' twettiq f'diversi livelli u b'diversi partijiet ikkonċernati stabbiliti skont l-Aġenda Urbana tal-UE;
- b) biex jirrifletti, kif xieraq, il-prinċipji strateġiċi tal-Karta ta' Leipzig il-Ġdida u l-oġettivi tal-Aġenda Urbana tal-UE fl-approċċ tiegħu ta' self, taħlit ta' self u għotjiet u servizzi konsultattivi fil-kuntest urban, filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġu appoġġati strateġiji ta' żvilupp urban u reġjonali sostenibbli;

ID-DIMENSJONI TERRITORJALI

(23) JAPPELLA lill-Kummissjoni:

- a) biex tikkontribwixxi għall-prijoritajiet tal-Aġenda Territorjali 2030 ("Aġenda Territorjali") u ssaħħaħ aktar l-isforzi tagħha biex tippromwovi l-koeżjoni territorjali fl-Ewropa, id-dimensjoni territorjali fil-politiki tal-UE, u tikkoordina l-politiki settorjali rilevanti;
- b) biex tippromwovi aktar l-iżvilupp territorjali integrat u l-użu ta' għodod u strumenti rilevanti permezz tal-Politika ta' Koeżjoni u politiki rilevanti oħra tal-UE;
- c) biex – skont ir-responsabbiltajiet u l-kapaċitajiet tagħha – tiffaċilita u tippromwovi l-implimentazzjoni tal-Aġenda Territorjali u l-azzjonijiet pilota tagħha;

(24) JAPPELLA lill-Istati Membri:

- a) biex jippromwovu u jsaħħu l-kooperazzjoni dwar il-prijoritajiet tal-Aġenda Territorjali fil-livell Ewropew u jaħdmu lejn il-koeżjoni territorjali billi jinvolvu l-partijiet ikkonċernati rilevanti fil-politiki settorjali kollha u fil-livelli kollha tal-gvern;
- b) biex iqisu l-prijoritajiet tal-Aġenda Territorjali fil-proċessi u d-dokumenti ta' ppjanar reġjonali strateġiku, spazjali u territorjali;
- c) biex ipoġġu l-prijoritajiet tal-Aġenda Territorjali f'azzjoni u jressqu proposti għal azzjonijiet pilota biex il-proċess ta' implimentazzjoni jibqa' għaddej, kif xieraq;

(25) IHEĠĠĠĠ lill-awtoritajiet lokali u reġionali:

- a) biex jinvolvu lill-partijiet ikkonċernati rilevanti u japplikaw l-Aġenda Territorjali billi jikkunsidraw il-prijoritajiet tagħha fl-ippjanar spazjali u fl-istrateġiji u l-politiki ta' żvilupp ġenerali tagħhom kif ukoll li jressqu proposti għal azzjonijiet pilota ġodda;

(26) JISTIEDEN lill-Parlament Ewropew:

- a) biex iqis il-prijoritajiet tal-Aġenda Territorjali fil-proċessi leġiżlattivi tal-UE;

(27) JISTIEDEN lill-Kumitat Ewropew tar-Regġuni u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew:

- a) biex jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Aġenda Territorjali billi jħeġġu lill-membri tagħhom u lill-awtoritajiet lokali u reġionali fl-Ewropa japplikaw u jippromovu l-prijoritajiet tagħha, isaħħu l-għodod territorjali bħall-ITI jew is-CLLD u l-iżvilupp territorjali integrat permezz tal-ħidma konsultattiva tiegħu;

(28) JISTIEDEN lill-Bank Ewropew għall-Investment:

- a) biex jikkontribwixxi għall-azzjonijiet pilota, kif xieraq, b'mod partikolari għall-appoġġ tal-iżvilupp ta' approċċi ta' finanzjament aħjar fil-kuntest territorjali.
- b) biex jirrifletti, kif xieraq, il-prijoritajiet tal-Aġenda Territorjali fl-approċċ tiegħu ta' self, taħlit ta' self u għotjiet u servizzi ta' konsulenza, filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġi appoġġat l-iżvilupp territorjali sostenibbli.
